SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 3710

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Frar 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

### ASSENTI

Ħadd

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3610 li saret nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010 u l-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret nhar is-Sibt, 30 ta' Jannar 2010 ġew approvati.

## 1.1 Mill-Minuti tal-Laqgħa 3610

### 1.1.1 *Sinjali tat-traffiku*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta numru 1.1.1 u staqsa dwar il-marki tat-toroq li kellhom isiru fi Triq il-Prinjoli. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jimxi mal-*guidelines* li għandu biex isiru dawn il-marki tat-toroq.

### 1.1.2 *Bollards fi Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Bonello staqsa dwar il-*bollards* li kellhom isiru fi Triq Tursin il-Bir. Huwa ġie nfurmat li l-*bollards* ġew ordnati u ser jiġu nstallati fil-ġranet li ġejjin.

### 1.1.3 *CCTV camera fi Triq il-Prinjoli*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta numru 8 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-installazzjoni ta' *CCTV camera* fi Triq il-Prinjoli. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-kumpanija tal-*wardens* li pproponiet li tinstalla *CCTV camera* mingħajr spejjeż iżda li jkollha persentaġġ mill-multi li jinħarġu.

## 1.2 Mill-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'

Ma kien hemm l-ebda kumment dwar dawn il-minuti.

# 2. RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA FINANZJARJA (01/04/09 sa 31/12/09)

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport finanzjarju għal perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 li ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill li kien preżenti għal din il-laqgħa. Ingħatat spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ li sar matul il-perjodu msemmi. L-Accountant tal-Kunsill qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet tajba.

# 3. KUNTRATT: ROAD RESURFACING AND PATCHING WORKS

## 3.1 *Kuntratt (RR/PW) 57/09/05*

Is-Sindku ppreżenta *Adjudication Report* ippreparat mill-perit tal-Kunsill fir-rigward ta' l-offerti li ntefgħu wara li saret sejħa. Fir-rapport tiegħu l-perit tal-Kunsill irrakkomanda li dan il-kuntratt jingħata lil Asfaltar Construction Ltd. peress li dan il-kuntrattur kellu l-orħos seba' rati minn disa'. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni. Għaldaqstant il-Kuntratt (RR/PW) 57/09/05 kellu jingħata lil Asfaltar Construction Ltd.

## 3.2 *Xogħolijiet*

### 3.2.1 *Manutenzjoni ta' Toroq*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' *major patching* li kien qed jippjana li jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku qal li fi Triq il-Klematis hemm problema peress li qabel issir il-manutenzjoni tat-triq, hemm bżonn li jsir *retaining wall* man-naħa tal-wied għax inkella t-triq terġa' tinżel. Huwa qal li l-ispiża biex isir dan ix-xogħol toħodlok il-*budget* kollu. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jara kif jistgħu jinġiebu l-fondi biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ukoll li minflok, fix-xogħol ippjanat tal-*major patching* għandha tiżdied parti minn Triq Katerina Vitale. Fir-rigward tal-(PPP) is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistgħax jagħmel pjanijiet qabel ikun jaf eżatt kif ser taħdem din is-sistema.

### 3.2.2 *Triq iż-Żafran*

Il-Kunsill iddiskuta l-problema li hemm fi Triq iż-Żafran. Saret referenza għal kummenti li għamel resident waqt il-laqgħa tal-lokalita' dwar l-istat li tinsab fih din ir-rampa li tati għal garaxxijiet. Is-Sindku qal li kien talab lil perit biex jagħmel stima biex din it-trejqa tinkesa bil-konkos. Issemmiet ukoll il-problema ta' l-ilma tad-dranaġġ li joħroġ minn garaxx li hemm f'din it-triq. Dan il-każ għandu jkompli jiġi nvestigat minn tas-Sanita'.

### 3.2.3 *Ħruġ għal fuq Xintill Roundabout*

Il-Kunsill iddiskuta r-rakkomandazzjoni ta' l-ADT biex il-ħruġ għal fuq Xintill *roundabout* jingħalaq għat-traffiku. Ġie deċiż li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti dwar din il-proposta.

### 3.2.4 *Triq il-Peprin*

Saret referenza għal kummenti li ssemmew fil-laqgħa tal-lokalita' dwar il-problemi relatati mat-traffiku fi Triq il-Peprin, b'mod partikolari għar-*rubber road hump* li hemm qrib tar-*roundabout*. Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill ser iħejji proposta dwar kif tista' tiġi ndirizzata din il-problema.

### 3.2.5 *Immaniġġjar tat-Traffiku*

Il-Kunsill ġie nfurmat bit-tweġibiet ta' l-ADT fir-rigward ta' diversi proposti li għamel il-Kunsill. L-ADT tat l-approvazzjoni għal *traffic humps* fi Triq il-Begonja. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru tat-*tarmac*. L-ADT tat l-approvazzjoni għall-proposta tal-Kunsill biex jingħalqu t-toroq ta' fejn il-mużew tas-subien fil-ħinijiet tal-mużew. Fir-rigward ta' Triq Katerina Vitale il-Kunsill innota li diġa jeżistu *speed limit roundels* f'din it-Triq.

## 4. AFFARIJIET OĦRA

### 4.1 *Arbli tad-dawl numerati*

Is-Sindku qal li qed isir eżerċizzju biex jitwaħħlu *stickers* bin-numri fuq l-arbli kollha tad-dawl. Dan qed isir biex is-sistema ta' kif jiġi rrappurtat arblu bil-ħsara tkun waħda aktar prattika.

### 4.2 *Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li għall-ewwel darba f'Santa Luċija ser issir il-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira li ser tittella' fil-Jogging Track nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010 fis-7.30p.m. Huwa qal li din il-*Pageant* ser tittella' mill-Gżira Pageant Group bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

### 4.3 *Jum Santa Luċija*

Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija, fis-7 ta' Lulju, li dwarhom ser jingħataw dettalji aktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel li f'Marzu ta' din is-sena joħorġu l-avviżi għan-nominazzjonijiet.

## 5. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu 2010 fis-7.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TNEJN
**22 ta'** MARZU **2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**